MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 226/2009

**A A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri J JD B nominata b'digriet tat-18 ta' Frar 2010**

**vs**

**1) C D (K.I. 20439 A)**
**2) Direttur tar-Registru Pubbliku; u b'digriet tal-25 ta' Jannar 2011 gie kjamat fil-kawza JS**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti zzewwget civilment lill-intimat C D ta' nazzjonalita Sirjana, fis-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija tmienja u disghin (1998), u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg (Att numru 1645/1998) li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument 'A';

2. Illi l-kontendenti kienu ilhom separati de facto u jghixu f'residenzi separati peess illi l-esponenti u l-intimat eskludew l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u tad-dritt ghall-att taz-zwieg stante li l-esponenti u l-intimat qatt ma ghexu flimkien u lanqas ma z-zwieg taghhom gie kkonsmat;
3. Illi fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) l-esponenti welldet lill-minuri J JD B, skond ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid relattiv (Att numru 1755 tas-sena 2009) li qed jigi hawn anness u mmakrat bhala Dokument 'B', liema mnuri gie koncepit minn relazzjoni extra-matrimonjali li r-rikorrenti kellha ma terza persuna li ma hux l-intimat C D;
4. Illi peress li t-tarbija twieldet waqt iz-zwieg ta' bejn il-konjugi C D u A A B, hu jinsab indikat bhala iben l-intimat C D fic-certifikat tat-twelid relattiv, meta fir-realta' hu ma hux l-iben naturali l-istess intimat;
5. Illi l-imsemmija tarbija hija de facto u de jure mhux wild l-intimat u dan ghar-ragunijiet suesposti, nonostante li t-tarbija giet registrata bhala wild ta' l-intimat;
6. Illi kemm l-esponenti kif ukoll il-minuri ghandhom interess li jimpunjaw l-istat tal-istess minuri;

Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-minuri Jaydem Jli twieled fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) mhux iben l-intimat izda huwa iben il-kjamat in kawza JS (ID 386579 M);
2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel l-annotazzjoni necessarja fl-att tat-twelid tal-minuri J J(Att numru 1755 tas-sena 2009) b'dan illi:
(a) Fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah u l-kunjom" jikkancella l-kunjom 'D' u jissostitwih bil-kunjom 'S' b'dana li l-isem u l-kunjom shih tal-minuri jigi 'J JS B'; u
(b) Fil-filliera intestata "L-Omm" tikkancella l-frazi 'the Said', b'dana li l-isem u l-kunjom shih tal-omm jigi 'A A B nee` B Wife of C D'; u
(c) Fil-filliera intestata "Missier it-tarbija":

(i) fl-ewwel kolonna intestata “Isem u kunjom” jikkancella ‘C D’ u jissostitwih bis-segwenti: ‘JS’:
(ii) fit-tieni kolonna intestata “Id-Dokument ta’ l-Identita`”, jinkludi s-segwenti: ‘0386579 M Maltese ID Card Number’;
(iii) fit-tielet kolonna intestata “Eta’ – Snin”, jinkludi s-segwenti: ‘29’;
(iv) fir-raba` kolonna intestata “Fejn Twieldu”, jikkancella ‘Sukhna Syria’ u jissostitwiha bis-segwenti: “San Giljan Malta”;
(v) fil-hames kolonna intestata “Fejn Joqoghdu”, jinkludi s-segwenti: ‘San Gwann Malta’;
(vi) fis-sitt kolonna intestata “Isem u Kunjom tal-Missier, u jekk hux haj jew mejjet, jikkancella ‘Khalif D *(Not known Whether living or Dead)’* u jissostitwiha bis-segwenti: ‘Calcedonio S (*Alive*)’.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament għallinqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha A A B ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri J JD B skont id-dettami tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi *in limine litis* ukoll l-esponent jistqarr li huwa mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat, kwindi dwar il-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-atti probatorji u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi madankollu mingħajr preġudizzju għas-suespost, biex tirnexxi din l-azzjoni jeħtieġ li tiġi pprovata l-impossibilità fiżika tal-konġunġiment bejn ir-rikorrenti A A B u C D tul il-perijodu li jsemmi l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-

Liġijiet ta’ Malta u kif ukoll li jiġi pprovat li l-pussess ta’ stat tal-minuri J Jma jaqbilx ma’ l-istat li jagħtih l-Att tat-Twelid korrispettiv a tenur tal-Artikolu 81 (1) u (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

4. Illi subordinatament u bla ħsara għall-premess, f’każ li tiġi superata t-tielet eċċezzjoni fuq imsemmija, l-esponenti xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri J J, li r-rikorrenti A A B tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-allegat missier naturali ħalli b’hekk dan ikun jista’ jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili. Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ħa jitlef l-istat ta’ iben imwieled u mnissel fiż-żwieġ talanqas għandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tiegħu għal potenzjali azzjoni futura;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suriferit dejjem f’każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti, il-kelmiet ‘*the said*’ li jinsabu qabel isem C D, senjatement taħt il-kolonna u r-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm u ta’ min għamel id-dikjarazzjoni, għandhom jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta’ iskrizzjoni 1755 tas-sena 2009;

6. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent u għaldaqstant huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi din il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici u cioe' omm il-minuri J JD f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici tal-istess binha l-minuri sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid[1] tal-imsemmi minuri, fis-sens li dan jibda jindika lill-intimat JS bhala missieru naturali minflok ma jibqa' jindika lill-intimat C D bhala l-missier naturali tal-istess minuri.

**Il-Verzjoni attrici**

L-attrici permezz tal-affidavit taghha[2] tghid li ltaqghet mal-intimat C D fis-sena 1998 u zzewgu fi ftit gimghat, precizament nhar is-16 ta' Settembru 1998 meta kellha biss tmintax-il sena. Hi tghid li mill-ewwel bdiet tinduna bid-differenzi fil-karattri taghhom kif ukoll tal-kultura taghhom u tiddikjara li qatt ma ghexu flimkien. L-attrici tghid ukoll li kienet ilha taf lil JS minn mindu kienu ilhom tfal, tant li wara li z-zwieg taghha mal-intimat C D tkisser, regghet bdiet tohrog ma' dan l-imsemmi JS. Wara li emigrat lejn l-Ingilterra, l-attrici regghet giet lura Malta f'Dicembru 2006 fejn bdiet tghix mal-intimat JS u ghadha tghix mieghu sal-gurnata tal-lum. Tghid ukoll li frott tar-relazzjoni taghhom, nhar l-1 ta' Mejju 2009, welldet lill-minuri J JD u tikkonferma li mit-twelid tal-istess minuri sal-gurnata odjerna, kien l-intimat JS li mantna lill-istess minuri u zzid tghid li t-tlieta li huma jghixu flimkien bhala familja wahda.

L-attrici tikkonferma wkoll li minn mindu z-zwieg taghha mal-intimat C D tkisser, hi qatt ma regghet kellha kuntatt mieghu ghajr ghal dak li huwa relatat mal-bdil tac-certifikat tal-istess minuri msemmi. Tghid li l-intimat C D qatt ma oggezzjona fis-sens li qal li t-tarbija m'hijiex frott tar-relazzjoni taghha ma JS u ghalhekk issostni li c-certifikat

---

[1] Esebit a fol 5 tal-process

[2] Esebit a fol 22 tal-process

tat-twelid tal-minuri ghandu jindika lil JS bhala l-missier tal-istess tarbija.

**Il-kaz Odjern**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tinnota li permezz ta' digriet tat-2 ta' Gunju 2008[3], l-attrici inhatret sabiex tagixxi bhala kuratrici tal-minuri f'dawn il-proceduri.

Illi b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u cioe' n-nuqqas da parti tal-attrici li titlob l-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti sabiex tirrapprezenta lill-minuri fil-proceduri odjerni bhala kuratrici *ad litem* tieghu, il-Qorti tirrileva li din l-eccezzjoni giet sorvolata permezz ta' rikors intavolat nhar it-12 ta' Frar 2010[4], liema rikors gie milqugh permezz ta' digriet datat it-18 ta' Frar 2010[5].

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u cioe' li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li jigi indikat l-allegat missier naturali tal-istess minuri, il-Qorti tirrileva li din ukoll giet sorvolata tant li permezz tal-affidavit taghha, l-attrici tindika mill-ewwel min hu l-allegat missier u fuq kollox, l-istess imsemmi JS gie sussegwentement kjamat in kawza sabiex jirrispondi ghat-talbiet taghha.

Illi dwar l-eccezzjonijiet l-ohra tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, dawn kollha jduru fuq il-mertu tal-kaz odjern ghaliex jiddependu mill-fatt jekk l-attrici rnexxilhiex taghmel prova ta' dak li qieghda tallega sabiex it-talbiet taghha jkunu jistghu jigu milqugha jew le.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghat-test ta' DNA[6] konfermat bil-gurament minn Dr. Marisa Cassar li juri li hemm possibilita' ta' 99.9999% li l-kjamat in kawza JS huwa l-missier naturali tal-minuri J D. Fid-dawl tar-rizultat ta' dan it-test, il-Qorti tirrileva li l-attrici irnexxielha

[3] Ara a fol 9 tal-process
[4] Esebit a fol 26 tal-process
[5] Ara a fol 28 tal-process
[6] Esebit a fol 42 tal-process

tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-premessi taghha u konsegwentement jidher car li huwa minnu li l-minuri J m’huwiex il-wild naturali tal-intimat C D u konsegwentement hemm lok li jigi mibdul ic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi :

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici billi tiddikjara li l-minuri J Jli twieled nhar l-1 ta’ Mejju 2009 mhux iben l-intimat C D izda iben il-kjamat in kawza JS;
2. Tilqa’ t-tieni talba hekk kif dedotta.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------